# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju, 2001 .

## Citazzjoni numru : 140/93G1(PC)

**Hermania Rapa .**

**VS**

**Michaelangelo u Anna konjugi Calleja .**

**Il-Qorti ,**
**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet illi :**

**zewgha il-mejjet Angelo Rapa kien proprjetarju tal-fond numru hamsa u erbghin (45) jew min aktar ezatt ta' triq it-tigrija, Nadur, Gozo, liema fond kien gie akkwistat permezz ta' kuntratt ta' xiri fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Cauchi tat-13 ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija u hamsa u tletin (Dok "A") ;**

**l-istess Angelo Rapa miet fl-14 ta' Awissu, 1986 f'Albany New York, l-Istati Uniti tal-Amerika minghajr tfal Dok "B" u halla bhala eredi tieghu lill-Attrici, permezz ta' testment datat 5 ta' Jannar 1985 (Dok "C") u l-istess attrici inghatat il-"Letters Testamentary" tat-testment tal-imsemmi Angelo Rapa, fit-2 ta' Settembru 1986 (Dok "D") ;**

**sa dan it-tant il-konvenuti minghajr jedd qabdu u dahlu jokkupaw il-fond fuq imsemmi u qeghdin jirrifjutaw li jizgombraw u jirrilaxxjaw il-pussess tieghu a favur tal-attrici .**

**Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:**

**1. tordna l-izgumbrament taghhom mill-fond numru 45, Triq it-Tigrija fuq imsemmi billi qeghdin jiddetjawh minghajr titolu validu .**

**Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici minnha ikkonfermata bil-gurament.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :**

1. **l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti rationae materiae u rationae valoris ;**

2. **preliminarjament ukoll l-istess citazzjoni hija monka u ghalhekk nulla u dana peress illi ma fihiex talba dikjaratorja fis-sens illi jigi dikjarat illi l-istess konvenuti qeghdin jokkupaw l-istess fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi ;**

3. **fil-mertu l-konvenuti ghandhom titolu validu l-ligi naxxenti mill-preskrizzjoni akkwisitiva trentennali ;**

**4. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Anna Calleja .**

**Rat is-sentenza taghha tat-18 ta' Gunju 1998 dwar l-eccezzjonijiet preliminari f'din il-kawza .**

**Rat il-verbal tal-legali ta' l-attrici maghmul fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu gie dikjarat illi l-konvenuti kienu kkonsenjaw ic-cavetta tal-fond in kwistjoni lill-attrici .**

**Rat ukoll il-verbal l-iehor ta' l-istess legali ta' l-attrici tas-17 ta' Novembru 2000 fejn gie dikjarat illi l-mertu ta' din il-kawza kien jinsab ezawrit, u ghalhekk il-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni fuq il-kap ta' l-ispejjez .**

**Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**
**Illi l-konvenuti baqghu qatt ma xehdu f'din il-kawza biex jispjegaw il-pretensjonijiet taghhom imfissra fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom li huma kienu akkwistaw titolu fuq il-fond in kwistjoni permezz tal-preskrizzjoni trentennali . Infatti rrizulta illi fil-mori tal-kawza huma kkonsenjaw ic-cavetta li kellhom f'idejhom ta' dan il-fond lill-attrici u ma jidhirx illi kien ghad baqghalhom aktar interess fl-ezitu ta' din il-kawza .**

**Permezz tas-sentenza preliminari taghha hawn fuq imsemmija dwar l-eccezzjonijiet preliminari, din il-Qorti kienet cahdet dawn l-eccezzonijiet, imma ma provvdietx dwar l-ispejjez ta' dik is-sentenza li gew ghalhekk riservati ghas-sentenza finali .**

**Billi irrizulta ghaldaqstant illi l-konvenuti ma kienux gustifikati fl-eccezzjonjiet preliminari taghhom fil-kawza prezenti u lanqas ma jidher illi seta' kellhom ragun ghaliex izommu c-cavetta u jokkupaw il-fond in kwistjoni kontra r-rieda ta'l-attrici .**

**Tiddecidi l-kawza fuq il-kap ta' l-ispejjez billi tordna illi dawn ghandhom jithallsu mill-istess konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S14093Pc
615